L-għajn ma twassalx sa fejnek
w-int tibqa' sejjer sejjer
'il bogħod bejn sema w-ilma,
'il bogħod minn dawn il-Gżejjer.

Igħaddili xebh minn moħħi
nistħajlek kewkba feġġa,
li tinfed b'dawlha s-sema
u f'daqqa tgħib bħal vleġġa.

Raddiena ta' ilma safi
narak ukoll li tixbah,
tilma fid-dawl tal-għodwa
u b'fuqek sħab mill-isbaħ.

Issokta dur u venven
la ma tistax tistrieħ:
għax jekk mit-tidwir tehda
ħajtek ittir **mar-riħ.**

---

## **"QLUB IMJASSRA"** ta' Ġużè Mifsud Bonnici— Empire Press—Malta. 1944.

Mhux l-ewwel darba ma' l-isem ta' Mifsud Bonnici fil-Malti. Mifsud Bonnicijiet kellna 'l Ċensu, 'il Klement, 'il Rikard, 'il Robert u 'l Carmelo. U s-Sur Ġużè Mifsud Bonnici, kittieb ta' "Qlub Imjassra", maħruġ mill-"Għaqda ta' Qari Tajjeb" ma jagħmilx għajb 'il niesu għall-kitba bil-Malti. Ismu ġa deher f'perjodiċi reliġjużi, u "Qlub Imjassra" wkoll jitkellem fuq suġġett reliġjuż: is-Seba' Tebgħat qerrieda ta' ruħna. Il-kittieb jagħtina poeżija għal kull tip ta' bniedem li juri waħda minn dawn it-tebgħat, i.e.: Il-Kburi; ix-Xħiħ; iż-Żieni; l-Imgħaddab; il-Għajjur; iż-Żaqqieq; il-Għażżien; u jagħlaq b'poeżija oħra "Muftieħ il-Faraġ". Mifsud Bonnici ma għandu fi ħsiebu lil ħadd partikolari; kif igħid huwa nnifsu. "Ilkoll ninsabu taħt sema wieħed... Mhux logħobna ngħarblu egħmil ħaddieħor... Niftakru li lkoll bnedmin, ilkoll dgħajfin, ilkoll magħġunin bit-tajn ta' l-art."

Għall-poeżiji bħala poeżiji, jolqtuk għax ġenwini, ħerġin mill-qalb, u jiġbru fihom tgħarbil psikoloġiku qawwi ta' qalb il-bniedem. Dak li jolqtok, kif qal Patri Delia fid-"Daħla", "mhix il-qawwa tal-liriżmu li toħroġ minn qalb tbaqbaq bin-nar taż-żgħożija...... Mifsud Bonnici jara l-ħajja u jpinġiha kif inhi, kif igħixuha l-bnedmin meta jaqgħu lsiera tagħhom infushom. Imma ma jeqafx fil-qoxra ta' dak biss li jidher, jibqa' dieħel 'il ġewwa sa ġol-qalba tal-għeruq fejn titnissel u tixxettel il-ħajja, bil-qawwiet tagħha għas-sewwa jew għad-dnewwa."

Nittamaw li s-Sur G. Mifsud Bonnici jissokta f'din it-triq tal-kitba u jagħtina xogħlijiet oħra bil-Malti.

G. C. P.



## ANAKREONTIKA

*Ta'* JOS. GALEA

*Lil M. K.*

Xtaqt darba ngħanni
Tas-swar il-qawwa u tat-taqtigħ il-herra,
Il-bgħid, is-swat, il-qtil, il-biki, id-dmugħ,
Il-qilla tar-rebbieħ li ħniena stmerra
Mal-għadu mwaqqa' fl-art midrub, mirbuħ.

Ġelben minn fommi
Flok ħsejjes ta' dagħdigħ, leħen li jżiegħel,
Leħen ta' ħlewwa li d-demm qatt ma tabba':
U flok ġrajja tal-hemm Alla mar ġiegħel
Minn qalbi tnixxi biss għanja ta' mħabba.

Ridt ngħanni darba
Il-qawwa tal-kbarat li jaħkmu għarfu
Saltnat u ġnus bis-saħħa ta' ħadidhom,
Li b'ħeġġa u b'ħila ħabtu għal bliet u ġarrfu
U riegħxu u rażżnu l-kbar eluf taħt idhom.

Feġġet minn fommi
Għanja ta' xewqa li mid-dehra trabbet
Ta' żewġ għajnejn swejdin li ġmamar kebbsu
U xegħlet qalbi msejkna fis u ħabbet. .
U l-ġrajja żorra nsejt li l-qalb iwebbsu.

---

## TABIB IMGĦADDAB

*Ta'* C. MICALLEF DE CARO

Mis-semm imxabba' ta' l-ilsna ħżiena,
Ġervażju, id-Dott, mir-raħal tar,
Meħlus għal darba minn dak l-imrar!
Bil-ferħ kull raħli minnufih far,
Barra minn wieħed: Tafu minhu?
Żgur le ma tobsru: l-imqit deffien!